MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 184/1999/1

Emanuel Galea,
Carmela Attard,
Marija Cremona,
Margaret Spiteri,
Giovanna Xuereb,
Doris Spiteri .

VS

L-Arcipriet Dun Tarcisio Camilleri kemm f'ismu proprju u kemm fil-kwalita' tieghu ta' esekutur testmentarju tal-mejtin Francesco Galea u Carmela Galea .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi :

Li fid-29 ta' Dicembru 1953 mietet f'Victoria Ghawdex Carmela mart Francis Galea u armla ta' Michael Galea

(Dok. “A”) u fis-26 ta’ Jannar 1963 mietet f’Sannat Ghawdex Francis Galea (Doki. “B”);

Li permezz ta’ testment “unica Carta” in atti Nutar Dottor Giuseppe Camilleri tas-17 ta’ Novembru, 1931, it-testaturi, hallew ghal wara rwiehhom, fl-artikolu tnax (12) tal-imsemmi testment li dar b’mandretta maghha kongunta li tinsab f’Sannat Ghawdex numru hdax (11) Strada Reale, ghandha tigi mill-infraskritt esekutur testamentarju mikrija u l-kera annwu ghandu jigi applikat ghall-ispejjez tal-kwaranturi tal-espozizzjoni tas-Santissimu sagrament fil-knisja parrokkjali ta’ Sannat u l-bqija ghandu jigi applikat fic-celebrazzjoni ta’ quddies lett bl-…. Korrenti u s-sulfragju ta’ ruhhom u ghal ruh il-genituri mejtin taghhom. Imbaghad fl-artikolu tlettax (13) tal-istess testment huma nnominaw bhala esekutur testamentarju lill-Arcipriet “pro tempore” tal-Parrocca ta’ Sannat (Dok. “C”) ;
Illi permezz ta’ testment sussegwenti ukoll maghmul “unica carta”, din didarba fl-atti tan-nutar Francesco Gauci tal-ewwel (1) ta’ Dicembru 1948, l-istess testaturi hallew “illi minn fuq il-lok ta’ djar bil-mandretta mieghu fejn huma jabitaw fin-numru hdax (11) ta’ Main Street gia Strada Reale Sannat, Gozo barra mit-tliet liri fis-sena imposti u destinati ghal kwaranturi tal-Knisja Parrokkjali ta’ Sannat bl-artiklu tnax tal-imsemmi testment, ghandha tithallas ukoll ta’ kull sena u in perpetwu fl-elemosina u li t-testaturi jimponuha bhala piz tal-panigeriku ta’ Santa Margherita patruna titolari tal-knisja parrokkjali ta’ Sannat li jigi recitat fil-festa taghha ta’ kull sena – u jridu illi l-proventi tal-imsemmi stabbli wara li jithallsu l-imsemmija tliet liri tal-kwaranturi, u l-elemosina tal-imsemmi panigeriku, il-kumplament isir quddies lett ghal ruhhom u skond l-intenzjonijiet taghhom kif ordnat bl-imsemmi testment (Dok “D”) .

Li l-imsemmija Carmela Galea mietet qabel l-imsemmi Francesco Galea u ghalhekk permezz tal-imsemmija zewg testmenti l-imsemmi Francesco Galea wiret lill-predefunta martu .

Li l-eredi tal-imsemmi Francesco Galea huma l-atturi li ghalhekk huma proprejtarji tal-imsemmi fond numru hdax (11) Main Street, Sannat .

Li l-imsemmi fond jinsab fil-pussess tal-konvenut li qieghed jirrifjuta li jirrilaxxja l-imsemmi pussess anke wara li gie interpellat ghal dak il-fini .

Talbu lill-konvenut proprju et nomine, jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

Tiddikjara li salv l-obbligi mposti fuq l-esekutur testamentarju tal-mejtin Francesco u Carmela gia konjugi Galea l-fond numru hdax (11) Triq il-Kbira, ossija Main Street, Sannat jappartjeni bhala proprjeta' lill-atturi .

Tikkundanna lill-konvenut jirrilaxxja l-pussess tal-fond imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta' April 1999, u 16 ta' Marzu 1999, kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi, ikkonfermata bil-gurament ta' Emanuel Galea .

Rat ukoll id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess citazzjoni, liema dokumenti huma ndikati bhala “A”, “B”. “C” u “D” rispettivament fil-lista tad-dokumenti annessa ma' l-istess dikjarazzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Reverendu Dun Tarcisio Camilleri proprio et nomine, permezz ta' liema nota ta' eccezzjonijiet huwa eccepixxa :

1. Illi in kwantu din il-kawza giet istitwita kontra l-esponenti personalment, huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi personalment la jinsab fil-pussess tal-fond imsemmi, la ghandu xi jedd ghalih u l-inqas qatt ma vvanta tali jedd .

2. Illi in kwantu din il-kawza saret kontra l-esponenti sabiex jigi ddikjarat li l-proprjeta' msemmija tappartjeni lilhom l-esponenti ma hux il-legittimu kuntradittur billi l-esponenti, ghalkemm ma hux fi stat li jikkonferma jekk l-atturi humiex il-proprjetarji qatt ma ppretenda li dan il-fond jappartjeni lilu .

3. Illi l-atturi ghandhom igibu l-prova li huma l-eredi ta' Francesco Galea kif minnhom allegat .

4. Illi ghal dak li jirrigwarda l-kapacita' tieghu bhala esekutur testamentarju ta' Francesco u Carmela konjugi Galea, dwar il-fond numru hdax (11) Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, l-esponenti ghandu biss dawk il-fakoltajiet konferiti lilu bit-testmenti kkwotati fic-citazzjoni.

5. Illi konsegwentement il-pussess materjal tal-fond numru hdax (11) Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, jispetta lill-esponenti u lil dawk il-persuni li lilhom l-istess fond ikun mikri minn zmien ghal zmien .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu kkonfermata bil-gurament skond il-ligi .

Rat ukoll l-atti l-ohra tal-kawza, u partikolarment l-iskrittura ta' konvenju milhuq bejn il-partijiet fl-ghoxrin ta' Frar ta' l-elfejn u tlieta (2003), esebit flimkien mar-rikors tal-partijiet bhala dokument 'X' fis-26 ta' Mejju, tas-sena elfejn u tlieta .

Rat il-verbal ta' l-istess partijiet maghmul fl-udjenza tal-lum stess, fejn talbu sentenza minn din il-Qorti a bazi ta' dan il-ftehim .

Il-Qorti, ghal hekk, u in vista tat-transazzjoni milhuqa bejn il-kontendenti kollha f'din il-kawza, tiddecidi l-kawza a bazi tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, skond ma jirrizulta mill-konvenju ffirmat minnhom, kopja ta' liema tinsab annessa ma' l-atti ta' din il-kawza, bil-kundizzjonijiet kollha indikati

fl-istess ftehim . L-ispejjez a tenur ta’ l-istess ftehim ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u l-kuntratt pubbliku relattiv ghandu jsir fi zmien tlett xhur b’effett mid-data ta’ din is-sentenza .

--------------------------------TMIEM--------------------------------